Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 133/2024

**It-Tlieta 27 ta' Awwissu, 2024**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Victor Curmi | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur David Apap | Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sinjorina Simona Refalo | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Kevin Curmi | Kunsill Lokali tan-Nadur |
| Is-Sur Sammy Saliba | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Baskal Saliba | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 133.1 Talba

133.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

## 133.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

133.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħat 132 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew ikkoreġuti u approvati.

133.2.2 Is-Sindku tax-Xagħra talab aktar spjegazzjoni dwar l-item 132.7 – Żvilupp Sportiv ġewwa Għawdex. Il-President żied mal-minuti preċedenti li dawn il-fondi jintużaw sabiex isiru attivitajiet immirati għan-nurseries tal-Football Clubs Ghawdxin, eskluż is-safar. Għalhekk għandha ssir MOU sabiex jkun hemm aktar spjegazzjoni dwar l-użu ta' dawn il-fondi, liema MOU ser tiġi ppreżentata waqt laqgħa tar-Reġjun. Sabiex isiru attivitajiet immirati ghan-nurseries tal-Football Clubs Ghawdxin, eskluz is-safar.

## 133.3 Korrispondenza.

133.3.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva talba għall-laqgħa mingħand il-Community Police. Il-membri preżenti qablu li għandha ssir laqgħa magħhom fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

133.3.2 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand is-Segretarju tas-Soċjeta Filarmonika La Stella sabiex jikkollabora magħhom fl-opera ta' Giuseppe Verdi – Giovanna d'Arco. Għal dan il-għan kien hemm qbil li r-Reġjun jixtri 16 il-biljett. Dawn ser jingħataw wieħed lil kull Sindku u lill-President u Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun. Dawn jammontaw għall-prezz ta' €1250.

133.3.3 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-Arts Council Malta dwar applikazzjoni għall-fondi li għamel ir-Reġjun Għawdex biex jintużaw għall-attivita' tal-ftuħ tas-Sena Kulturali 2025. Din l-applikazzjoni ħarġet jiem qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u qalgħet fil-11 ta' Ġunju. L-applikazzjoni tar-Reġjun ma laħqitx il-kriterja meħtieġa skond huma u għalhekk ir-Reġjun mhux ser jingħata fondi. Għandha ssir laqgħa magħhom biex din l-applikazzjoni tiġi diskussa.

133.3.4 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand l-MTA sabiex ir-Reġjun japprova li l-Malta Tourism Observatory Application tkun ammessa bħala osservatorju fil-qafas tal-UNWTO (United Nations World Tourism Organisation) International Network of Sustainable Tourism Observatories (INSTO). Is-Sindki ġibdu l-attenzjoni li huma ilhom ħafna jitolbu lill-MTA sabiex jikkollabora magħhom kif minħabba l-infurzar kif ukoll biex il-Kunsilli jieħdu parti mill-ħlas tal-liċenzji tal-akkomodazzjonijiet fil-lokalijiet biex jkunu jistgħu jużaw dawn il-fondi għat-tindif u ġbir ta' skart minn dawn l-istess entitajiet. Ir-Reġjun Għawdex kif ukoll il-Kunsilli Lokali Għawdxin baqgħu bla risposta. Għalhekk is-Sindki/membri sostituti qablu li r-Regjun għandu jibgħat risposta għat-talba tal-MTA li tgħid li meta it-talbiet tagħhom jiġu milqugħa mill-MTA huwa jibgħatu l-approvazzjoni li qed jiġu mitluba.

133.3.5 Ir-Reġjun Għawdex irċieva l-istatistika dwar l-ispezzjonijiet u multi mogħtija mingħand l-ERA inkonnessjoni ma' skart maħruġ mhux skond l-iskeda u illegalitajiet oħra inkonnessjoni mal-iskart. Ġie nnotat li hemm diversi lokalitajiet li mhux ikollhom

spezzjonijiet u f'dawk li qed issiru spezzjonijiet mhux jingħataw multi kif meħtieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-Reġjun qed jibgħat "hotspots" fejn għandhom isiru spezzjonijiet. Is-Sindki talbu dettalji tal-persuna li jistgħu jikkuntattjaw minn tal-ERA dwar dan.

**133.4 <u>Riżenja ta' Assistent Skrivan mir-Reġjun Għawdex/Impjieg ta' Managir tal-Iskart.</u>**

133.4.1 Il-Presidenti nforma lill-membri preżenti li t-tieni skrivan li kien ġie impjegat biex jgħin lill-Maniger tal-Ambjent biex jagħmel ix-xogħol tal-Maniġer tal-Iskart rriżenja mill-kariga. Dawn iż-żewġ assistenti skrivani kienu ġew impjegati peress li ma kien applika ħadd għall-pożizzjoni ta' Maniġer tal-Iskart f'żewġ sejħiet li kienu nħarġu. F'dan il-ħin il-President issuġġerixxa li r-Reġjun Għawdex jerġa joħroġ sejħa għall-post ta' "Waste Manager" minflokk għall-skrivan. Is-Segretarju Eżekuttiv qablet ma' dan is-suġġeriment. Il-President fakkar li r-Reġjun għandu fondi għal din il-pożizzjoni għall-ewwel sena mill-iskema li kien ħareġ id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Wara l-ewwel sena l-paga tiegħu toħroġ mir-Reġjun (u dan minflok iż-żewġ assistenti skrivani). Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

**133.5 <u>Preżentazzjoni mill-Maniġer tal-Kultura dwar:</u>**

133.5.1 Il-Maniġer tal-Kultura, s-Sinjorina Naomi Galea għamlet preżentazzjoni għall-benefiċċju tas-Sindki u membri ġodda dwar id-diversi attivitajiet kulturali li qed jiġu organizzati mir-Reġjun Għawdex. Dawn huma:

133.5.2 *Sena tal-Kultura 2025* - Fis-sena 2025 ir-Reġjun Għawdex ser jingħata t-titlu tas-Sena tal-Kultura. Dan qed issir fuq bażi ta' rotazzjoni minn reġjun għal ieħor. Diġa kien hemm żewġ Reġjuni b'dan it-titlu. Għal dan il-għan ir-Reġjun Għawdex ħa ħsieb biex joħroġ sejħa għall-*artistic director* biex ikun hemm persuna li tikkordina l-attivitajiet matul is-sena. Ir-Reġjun ser jingħata l-ammont ta' €200,000 mill-Gvern Ċentrali għal dawn l-attivitajiet. Ir-Reġjun Għawdex ħareġ sejħa għall-logo ta' dan l-avveniment u dan ġie magħżul waqt laqgħa tar-Reġjun Għawdex preċedenti. Fil-futur qarib ser isiru konsultazzjonijiet mal-Kunsilli dwar l-attivitajiet matul din is-sena.

133.5.3 *European Region for Gastronomy Gozo 2026* – Ir-Reġjun Għawdex rebaħ it-titlu ta' "European Region of Gastronomy 2026". Dan it-titlu jingħata minn *The International Institute of Gastronomy, Culture, Arts and Tourism (IGCAT)*. Il-premju jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalita' tal-ħajja tar-reġjuni parteċipanti u ċ-ċittadini tagħhom billi:

(a) <u>Titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-uniċita' kulturali u tal-ikel;</u>
(b) <u>Tistimula l-kreattivita' u l-innovazzjoni gastronomika;</u>
(c) <u>L-edukazzjoni għal nutrizzjoni aħjar;</u>
(d) <u>It-titjib tal-istandards tat-turiżmu sostenibbli; u</u>
(e) <u>L-enfasi ta' kulturi tal-ikel distinti u t-tisħiħ tal-benesseri tal-kommunita.</u>

Ir-Reġjun ħadem ħafna biex rebaħ dan it-titlu. Biex ipprepara l-Bid Book kellu diversi laqgħat mal-istakeholders, għamel riċerka, ħareġ sejħa għal parteċipazzjoni, pprepara u kiteb tal-bid book, saru konsultazzjonijiet ma' esperti, w iddeżinja l-bid book. Saret l-ewwel evalwazzjoni f'Novembru 2023 u ġie sottomess f'Diċembru.

Bejn it-12 u l-15 ta' Frar saret ukoll il-"Jury Visit", fejn il-ġurija kienet tista' tara li l-kontenut tal-bid book kien fil-fatt jirrifletti dak li jsir madwar Għawdex fir-rigward tal-gastronomija.

Fil-bid book hemm ukoll 23 proġett li jinkludu pjattaformi, proġetti ta' riċerka, kampanji, pubblikazzjonijiet u attivitajiet fil-kommunitajiet.

Il-Maniġer enfasizzat li ser ikun hemm applikazzjoni għall-fondi għal dawn il-proġetti. Ir-Reġjun mħux ser jiffinanzja dawn l-avvenimenti.

133.5.4 European City of Culture Victoria 2031 - Ir-Reġjun Għawdex (Rabat, Victoria) qed jikkompeti mar-Reġjun Xlokk (Birgu) għal dan it-titlu. Għal dan il-għan ġiet iffurmatha fondazzjoni – *Victoria 2031 Foundation*, li hija magħmula minn tnax il-persuna. Il-fondazzjoni hija maqsum f'żewġ livelli – is-Supervisory Council u l-Governors. Ir-rwol tas-Supervisory Council, li huwa magħmul mis-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun Għawdex u tal-Kunsill Lokali Rabat Città Victoria flimkien mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u Accountant, huwa li jara li l-affarijiet ikunu qed isiru kif suppost. Id-deċiżjonijiet isiru mill-Governors li dawn huma l-President tar-Reġjun Għawdex, is-Sindku tar-Rabat Città Victoria, u ħames persuni oħra. Is-Segretarju tal-fondazzjoni hija l-Maniġer tal-Kultura fi ħdan il-Kunsill Regjonali Għawdex. Il-fondazzjoni trid tagħmel bid book u jrid jiġi ppreżentat sa Settembru 2025. Wara jkun hemm il-"Jury Visit". Wara l-Jury Visit jrid issir it-tieni bid book. Ir-Reġjun Għawdex ser jinvisti €100,000 għal ECOC 2031, filwaqt li l-Kunsill tar-Rabat – Victoria ser jagħti €50,000. Il-Gvern Centrali għandu jagħti €50,000 kull sena.

## 133.6 <u>Approvazzjoni tat-Tieni Rapport ta' Kull Kwart Jan-Ġunju 2024.</u>

133.6.1 L-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea kien imsiefer u għalhekk ma kienx preżenti. Ir-rapport kien ġie ċċirkulat lill-kull membru qabel il-laqgħa. Fit-tieni kwart tas-sena 2024 ir-Reġjun qed juri deficit ta' madwar €469,500. Dan minħabba l-kwistjoni tal-ġbir tal-iskart. Ir-Reġjun mhux jieħu l-fondi mingħand il-PROs (tal-iskart riċiklabbli). Ir-Reġjun m'għandux dejn peress li għandu fondi riservati ta' madwar €737,000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Gvern Ċentrali ser jibda jħallas l-ammont tal-VAT fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli kif ukoll il-ħlas tal-ġbir tal-iskart riċikklabbli kummerċjali peress li l-PRO's qed jirrifjutaw li jħallsu dawn l-ammonti.

133.6.2 Ir-rapport tat-tieni kwart ġie approvat mill-membri preżenti.

## 133.7 <u>Kollaborazzjoni ma' Friends of the Earth Malta dwar Kuxjenza Ambjentali u Involviment mal-Kommunita'</u>

133.7.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand Friends of the Earth Malta għall-kollaborazzjoni dwar attivita li tinvolvi ż-żgħażagħ. L-attivita' ser tiġi mħallsa minn Friends of the Earth u għandha ssir bejn Ottubru u Diċembru 2024. L-iskop ta' din l-attivita' hija li tipprovdi pjattaforma għaż-żgħażagħ biex jsiru diskuzzjonijiet u attivitajiet li jippromovu għarfien u nvolviment tal-kommunita' dwar l-ambjent. Huma qed jissuggerixxu li l-attivita' ssir f'Kemmuna. Il-membri approvaw li dan il-proġett isir mill-Maniger tal-Ambjent.

## 133.8 <u>Materji Oħra.</u>

133.8.1 Is-Sindku tax-Xagħra, s-Sur Victor Curmi ġibed l-attenzjoni dwar il-vetturi abbandunati fir-raħal. Barra karozzi hemm ukoll dgħajjes. Il-pulizija nfurmaw lir-Reġjun Għawdex li f'Għawdex m'għandhomx biex jiġbduhom u l-anqas fejn ipoġġuhom. Dan mhux il-każ f'Malta. Il-Kunsilli għandhom jibgħatu lista tal-vetturi abbandunati fl-irħula tagħhom.

133.8.2 Is-Sindku tal-Qala, is-Sur Paul Buttigieg, ġibed l-attenzjoni dwar l-Avviz Legali (A.L. 154 tal-2024) dwar it-Tqegħid Temporanju ta' Caravans u Campers fil-Lokalitajiet. Is-Sindki ma qablux li l-Caravans u Campers jitpoġġew f'postijiet mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat lid-Direttur Ġenerali dwar din il-materja.

133.8.3 Is-Sindku tax-Xewkija, is-Sinjorina Simona Refalo staqsiet dwar il-pedal bikes għax qalet li jidher li hemm waħda minn dawk li ngħataw lil Kunsill tax-Xewkija, mingħajr batterija. Hi qalet li dawn għadhom ma tqassmux u talbet informazzjoni dwar lil min tista tkellem dwarhom. Hi talbet ukoll lista ta' persuni li tista' tkellem dwar diversi oqsma tar-Reġjun peress li għandha Segretarju Eżekuttiv ġdid u din ma kellhiex *handover* tajba. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat l-informazzjoni mitluba lill-Kunsill tax-Xewkija.

133.8.4 Is-Sindku tax-Xewkija, is-Sinjorina Simona Refalo, staqsiet min huma l-membri tal-GAGF (Gozo Action Group Foundation) u kemm fadal fit-terminu tagħhom. Il-President, Dr Samuel Azzopardi wieġeb li Joe Cordin huwa c-chairman tal GAGF u għalkemm dan m'għadux fil-Kunsill kien hemm qbil mis-Sindki li jibqa hu bħala Chairman. Dwar il-membri l-oħra dawn huma is-Sur Paul Azzopardi, Viċi Sindku tax-Xewkija u is-Sur Mario Azzopardi, Sindku ta' Ta' Kerċem. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara meta t-terminu jispiċċa.

133.8.5 Il-Viċi Sindku tan-Nadur, is-Sur Kevin Curmi staqsa dwar sinjali sofor li saru fir-raħal mingħajr il-permess tal-Kunsill. Dawn saru mit-Transport Malta. Is-Sindki nformawh li meta jsiru sinjali sofor ma' genb garaxx dawn isiru bil-permess tal-Kunsill, (m'hemmx bżonn ta' permess mit-Transport Malta). In-normal huwa li jsiru mill-Kunsill jew almenu l-Kunsill jiġi nformat.

## 133.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

133.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 144 li kienet tammonta għal €191,484.40

## 133.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

133.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fit 20:00 hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru fis-6 ta' filgħaxija.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |